**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 304/2023DCDC**

***Dr Joseph Muscat***

***vs***

***L-Avukat ta'l-Istat***

Illum, 9 ta' Jannar 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Dr Joseph Muscat preżentat fit-30 ta' Novembru 2023 permezz ta' liema talab lil Qorti tawtoriżżah jappella minn degriet mgħoti fil-21 ta' Novembru 2023.

Rat id-degriet mgħoti f'l-1 ta' Diċembru 2023 permezz ta'liema l-Qorti, fil-waqt li appuntat ir-rikors għas-smigħ għad-19 ta' Diċembru 2023, ordnat in-notifika tiegħu lill-intimat.

Rat ir-risposta ta'l-intimat l-Avukat ta'l-Istat preżentata nhar ir-18 ta' Diċembru 2023 permezz ta'liema opppona t-talba.

Semgħet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi waqt id-depożizzjoni tiegħu mgħotija waqt l-udjenza miżmuma fit-21 ta' Novembru 2023 ix-xhud Dr Robert Aquilina, in rappreżentanza ta'l-għaqda Repubblika, intalab biex hu, jew l-avukat ta'l-imsemmija għaqda b'l-awtoriżżazzjoni ta'l-għaqda, jippreżenta kopja ta' żewġ rikorsi preżentati quddiem Magistrat u li wasslu għall-ftuħ ta' inkjesta dwar l-*in genere*. Ix-xhud, li qal ma setgħax jippreżenta d-dokumenti li kien qed jintalab, iddikjara li l-avukat ta'l-għaqda ma ingħatax l-awtorizzazzjoni biex jippreżenta d-dokumenti.

Illi rinfaċċjat b'din id-dikjarazzjoni l-Avukat tar-rikorrent dar fuq il-Qorti biex tkun il-Qorti li tordna lix-xhud biex jew jippreżenta d-dokumenti hu jew jawtorizza lill-avukat ta'l-ghaqda minnu rappreżentanta jippreżenta d-dokumenti.

Illi b'degriet mgħoti waqt dak l-istess udjenza, miżmuma fil-21 ta' Novembru 2023, il-Qorti ċaħdet din it-talba.

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent Dr Joseph Muscat qed jitlob il-permess li jappella dan id-degriet; fir-rikors ma speċifikax a bażi ta' liema dispożizzjoni kien qed jifformula din it-talba tiegħu pero fil-kors tas-sottomissjonijiet magħmula ġie indikat li t-talba odjerna qed issir a bażi ta'l-artikolu 229(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi qabel ma tinoltra ruħha dwar il-mertu tat-talba odjerni l-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel żewġ osservazzjonijiet.

Illi f'l-ewwel lok il-Qorti tirrileva li fil-kors tas-sottomissjonijiet magħmula saret emfasi kbira fuq ir-ragunijiet għalfejn l-attur deherlu li d-degriet mgħoti fil-21 ta' Novembru 2023 kien skorrett u saret emfasi ukoll fuq dawk li l-attur iqis bħala konsegwenzi li dak d-degriet ser ikollu fuq il-kaz tiegħu. Ir-rikors odjern pero mhux wieħed għal rikonsiderazzjoni tad-degriet imsemmi, imma għall-permess speċjali biex jiġi intavolat appell minnu. Konsegwentement dak li huwa primarjament relevanti huwa għaliex l-attur jaħseb li għandu jingħata dak il-permess speċjali. Il-Qorti tifhem li huwa utli għat-talba in eżami li l-attur jipprova juri x'ser tkun il-bazi ta' appell li huwa jixtieq jintavola pero f'dan l-istadju u ai fini tat-talba in eżami l-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu tal-validita o meno tar-raġunijiet għalfejn skond l-attur dak id-degriet għandu jiġi mibdul għaliex dak li jrid jiġi eżaminat mhux jekk id-degriet għandux jiġi mibdul imma jekk l-attur jistax, f'dan l-istadju, legalment jappella minn dak id-degriet u, meta meħtieġ, għandux jingħata il-permess biex jagħmel hekk. Konsegwentement is-sottomissjonijiet kollha magħmula ser jittieħdu in konsiderazzjoni in kwantu huma relevanti għal dawn il-kwistjonijiet.

Illi t-tieni osservazzjoni tirreferi għal dak li ntqal dwar il-flessibilita li għandha din il-Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali kif distinta mill-kompetenza ordinarja tagħha, f'applikazzjoni tar-regoli tal-proċedura.

Illi din l-Qorti temmen li l-pożizzjoni fir-riġward hija u għandha tkun dik kif esposta fis-sentenza mgħotija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju 2022 fil-kawża ***Yorgen Fenech vs il-Kummissarju tal-Pulizija*** meta ntqal hekk:

> *21. Il-Qorti tibda billi tirrileva li taqbel ma' dak li ntqal mill-Ewwel Qorti li fi proċeduri kostituzzjonali l-qrati għandhom iktar flessibilita` f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' regoli proċedurali mill-qrati ordinarji, u dan ikkonsidrat in-natura u l-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. Pero` din il-flessibilita` mhijiex u ma tistax tkun mingħajr limitu għaliex il-partijiet kollha f'kawża u f'kull tip ta' proċeduri ġudizzjarji, inkluż dawk kostituzzjonali, għandhom dritt għaċ-ċertezza legali u l-ugwaljanza talarmi, li jifformaw parti ntrinsika mid-dritt għal smigħ xieraq. Għalhekk il-partijiet f'kawża ma jistgħux jiġu sorpriżi b'interpretazzjoni u applikazzjoni ta' liġi magħmula f'digriet interlokutorju li tkun manifestament mhux kompatibbli ma' dak provdut fil-liġi stess.*
>
> *22. L-ordnijiet, atti u provvedimenti li l-qrati għandhom is-setgħa li jagħmlu ai termini tal-Artikolu 46(2) u 4(2) jistgħu jingħataw fil-kuntest ta' talba magħmula skont l-ewwel sub-inċiż taż-żewġ artikoli. Dan is-subinċiż ma jagħmilx referenza għal talbiet interlokutorji iżda għal talbiet li jirrigwardaw ksur ta' xi dritt fondamentali protett mill-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk, interpretazzjoni raġonevoli u prevedibbli tas-setgħa mogħtija lil Qorti biex tagħmel dawk l-ordnijiet, atti jew provvedimenti li tqis li huma xierqa hija fis-sens li din id-diskrezzjoni wiesgħa tista' tiġi eżerċitata fil-kuntest tat-talba oriġinali tal-attur, u ċioe` meta l-Qorti tiddetermina li l-attur ikun sofra jew x'aktarx ser isofri il-leżjoni allegata minnu, jew fejn dawn l-ordnijiet huma neċessarji sabiex tiġi preservata pendente lite l-pożizzjoni tal-attur li inkella jkun ser iġarrab preġudizzju rrimedjabbli. Il-Qorti tqis li d-diskrezzjoni wiesgħa mogħtija minn dawn l-artikoli għalhekk mhijiex applikabbli fil-kuntest ta' digriet interlokutorju. Minn dan isegwi li, għalkemm fl-għoti ta' digriet interlokutorju huwa permess għall-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li jagħtu interpretazzjoni wiesgħa tal-artikolu relevanti tal-liġi u jwarrbu kemm jista' jkun il-formaliżmu esaġerat, ma jistgħux iwarrbu għal kollox dak li tipprovdi l-liġi u jagħżlu li ma japplikawx il-*

> *liġi ordinarja. F'dan il-każ l-Artikolu 637(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprojbixxi b'mod assolut il-produzzjoni fl-atti ta' procés-verbal li jkun għadu ma ġiex depożitat fir-Reġistru, u għalhekk m'hemm l-ebda kwistjoni ta' intepretazzjoni wiesgħa. Għaldaqstant sakemm ma tkunx ġiet dikjarata l-invalidita` kostituzzjonali jew konvenzjonali tiegħu, jew sakemm ma jkunx jirriżulta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-attur huwa intitolat għal miżura interim, ma kienx legalment possibbli għall-Ewwel Qorti li tiskarta l-istess artikoli bis-saħħa tal-poteri mogħtija lilha mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-fatt li l-ordni in kwistjoni ngħatat fi proċeduri kostituzzjonali ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha l-poter li ma tosservax, u addirittura, tmur kontra l-liġi ordinarja fl-għoti tad-digriet interlokutorju mertu ta' dan l-appell.*

Illi dan stabbilit il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu tat-talba in eżami.

Ikkunsidrat

Illi huwa permezz ta'l-artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li l-Liġi tagħna tirregola meta jistgħu jiġu appellati degrieti mgħotija *pendente lite*. Dan l-artikolu jiddistingwi bejn tlett kategoriji ta' degrieti: dawk li ma jistax isir appell minnhom jekk mhux mas-sentenza finali, elenkati fis-subartikolu 1; dawk li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva mingħajr ma jintalab permess tal-Qorti, elenkati fis-subartikolu 2; u dawk li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva bil-permess speċjali tal-Qorti skond kif jipprovdi s-subartikolu 3.

Illi fis-sentenza mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża *Catherine Balzan pro et noe vs Tarcisio Balzan*[1] ntqal hekk dwar l-artikolu 229:

> *L-artikolu 229 li ġie sostitwit bl-Att XXIV tal-1995 u emendat b' dak IV tal-1996 ġie ntrodott fis-sistema tagħna biex jiġu evitati l-kwantita' ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiment ta' kawża fil-prim' istanza li diversi drabi l-uniku skop tagħhom kien li jitwalu l-proċeduri. Kien għalhekk illi l-leġislatur ħass li kellu jimponi dawk il-każijiet fejn ma kellu qatt isir appell ħlief mis-sentenza finali (sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 229) u dawk il-każijiet, inveċe, fejn kien assolutament neċessarju li jsir appell qabel dak l-istadju għall-prosegwiment ġust u effikaċi ta' dik il-kawża partikolari [sub-artikolu (2)]. Dawn il-listi pero' ma setgħux kienu kompleti u kien għalhekk illi, f'każijiet oħra, id-*

[1] Deċiżjoni mgħotija f'l-4 ta' Mejju 2001.

> *diskrezzjoni dwar appell qabel is-sentenza definittiva ġiet imħollija f'idejn il-ġudikant.*

Illi fost d-deġrieti elenkati fis-subartikolu 1 ta'l-artikolu 229, u allura dawk li jistgħu jiġu appellati biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva, hemm dawk *dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skont l-artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikun dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4)*[2].

Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni huwa ċar u m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li, hlif għal dawk id-degrieti li jirrigwardaw dokumenti privileġġjati imsemmija fi-subartikolu (4) ta'l-artikolu 637, degriet li jilqa jew jiċħad talba biex jiġi preżenatat xi dokument skond is-subartikoli l-oħra ta'l-artikolu 637 ma jistax jiġi appellat jekk mhux wara s-sentenza definittiva.

Illi fost id-dokumenti elenkati f'dawn is-subartikolu l-oħra ta'l-artikolu 637, u b'mod partikolari fis-subartikolu (5), hemm imsemmija proċessi verbali:

> *bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali ma tistax tintalab l-esibizzjoni ta' proċessi verbali, atti ta' kompilazzjoni, jew dokumenti oħra dwar affarijiet kriminali, jekk il-proċess verbal, atti ta' kompilazzjoni, jew dokument ma jkunux iddepożitati fir-reġistru*

Ikkunsidrat

Illi d-degriet li minnu jixtieq jappella l-attur ingħata fuq talba dedotta mill-Avv Dr Charlon Gouder waqt l-udjenza miżmuma fil-21 ta' Novemrbu 2023[3]. Dak in-nhar ix-xhud Dr Robert Aquilina kien intalab jippreżentaw huwa stess, jew jawtorizza lill-avukat tiegħu jippreżenta, zewg rikorsi li kienu preżentati lill-Magistrat ta'l-ghassa u li issa jiffurmaw parti minn inkjesta li mill-atti proċesswali jidher li għanda pendenti. Meta, għar-raġunijiet espressi fid-depożizzjoni tiegħu Dr Aqulina ma preżentax ir-rikorsi u informa lil-Qorti li l-għadqa minnu rappreżentata ma kenitx qed tawtorizza lill-Avukat biex jippreżenta hu l-imsemmija rikorsi, Dr Gouder dar fuq il-Qorti biex tkun hi li tordna lix-xhud jagħmel dak rikjest. Id-depożizzjoni ġiet sospiża u Dr Gouder insista li d-dokumenti minnu mitluba jiġu esebiti. Kienet din it-talba li giet deċiża permezz tad-degriet mgħoti dak in-nhar stess il-21 ta' Novembru 2023, ċioe talba talba biex jingiebu bhala prova dokumenti li l-oriġinali tagħhom jifformaw parti minn *proces verbal*, li minn dak li qed jirriżulat s'issa, mhux depożitat fir-reġistru ta'l-Qorti kompetenti.

---

[2] Ref is-subparagrafu (f).
[3] Ref verbal a fol 877.

Illi kjarament dan huwa degriet li jaqa fil-parametri ta'l-artikolu 637(5) tal-Kapitolu 12 u li konsegwentement appell minnu jista' jsir biss mas-sentenza finali.

Għal dawn il-motivi it-talba tar-rikorrenti qed tiġi miċhuda.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**